MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62

26 ta' Lulju 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Maria Concetta Scerri – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Victor Galea - Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

62.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Victor Galea u l-Perit G. Schembri kienu msifrien.

## 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

62.2.1 L-Avukat Brincat ġibed l-attenzjoni rigward punt 61.3.3 li kien hemm żball fl-isem. Is-Sur Cordina qallu li dawn kienu diġà rranġati mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Minuti tal-laqgħa 61 ġew approvati.

## 62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

62.3.1 *Uffiċini ġodda tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina qal li preżenti għal din il-laqgħa ser ikun hawn il-Perit Falzon li kien daħal onlajn diġà u Etienne Cini konsulent tal-kumpanija FES Contractors Ltd li daħal onlajn f'dan il-mument 5.33pm u ħa jitkellem f'isem il-kumpanija.

Is-Sur Cordina introduċa mal-kunsilliera lis-Sur Cini u talbu jispjega eżattement kif se jimxu l-affarijiet l-quddiem sabiex jitlesta x-xogħol fl-uffiċini.

Is-Sur Cini ta spjega ċara kif inhuma l-affarjiet bħalissa billi semma' l-*issues* li kien hemm matul iż-żmien kemm ilhom li bdew ix-xogħlijiet, bħal meta sar xogħol ħażin u l-ħaddiema twaqqfu milli jkomplu, konkos ħażin li l-Perit Falzon ma kienx sodisfatt bih u dan kellu jerġa jsir etc. Qal li bħalissa l-kumpanija għaddejja minn perjodu ħażin finanzjarjament, mhux minħabba x-xogħol li għaddej bħalissa fl-uffiċini imma minħabba xogħlijiet oħrajn u li dan diġà ġie diskuss kemm mas-Sindku kif ukoll mal-Perit Falzon.

Is-Sur Cini qal li s-Sindku ma xtaqx jerfa' r-responsabilità waħdu fuq deċiżjoni li trid tittieħed minħabba s-sitwazzjoni li qegħdin fiha. Għalkemm il-kumpanija għandha tieħu xi flus ta' xi xogħol li sar però ma jistax jiġi ċċertifikat peress li għadu jitqies bħalha li mhux komplut. Il-kumpanija tixtieq li tordna l-lift u tixtieq ukoll tintrabat f'kuntratt mal-bennej u anke ma' xi kuntratturi oħra. Qal ukoll li l-bennej beda xi xogħol u tiegħu għadu ma tħallasx għax għadu mhux komplut. Sussegwentament inqala' xi diżgwit miegħu għal fatt li ma tħallasx u spjegawlu l-affarijiet kif inhuma u għalhekk il-kumpanija tixtieq li tali depożiti jiġu mħallsa mil-Kunsill.

Is-Sur Cini kompla jispjega li hemm kuntratt iffirmat mas-*supplier* tal-*lift* li qed jistenna depożitu mingħand il-kumpanija, hemm kuntratt iffirmat mal-bennej li ukoll qed jistenna d-depożitu u li dawn huma marbutin li jekk jieħdu dan id-depożitu jridu

jagħmlu x-xogħol, kemm tal-lift, il-bennej ikompli x-xaft, kif ukoll il-kumpanija tagħmel l-AC's. Kompla jgħid li fil-preżent il-kumpanija mhijiex f'posizzjoni li toħroġ dawn il-flus.

Is-Sur Cini kompla billi qal li peress li bena relazzjoni tajba mas-Sindku u spjegalu ċar l-affarjiet kif inhuma, is-Sindku ħass li ma kellux jieħu tali deċiżjoni waħdu għax ovvjament toħrog mill-parametri kuntrattwali tal-Kunsill. Il-Kunsill mhuwiex fl-obbligu li jħallas dawn id-depożiti li qed jiġu mitluba mill-kumpanija FES. Hu kompla jgħid li ta parir lis-Sindku, dejjem fl-interess tal-Kunsill, sabiex jiddiskutu dawn iż-żewġ alternattivi :

1. Jew ma jagħtix il-flus mitluba lill-kumpanija u għalhekk hemm iċ-ċans li x-xogħol jerġa' jieqaf sakemm il-kumpanija tkun f'pożizzjoni li tħallas;
2. Jew ittiha l-flus b'mod ikkontrollat b'tali mod li l-Kunsill jista' jaċċerta ruħu li jekk jingħata pagament dan imur direttament għand il-kuntrattur u mhux jinżamm għand il-kumpanija u b'hekk il-Kunsill ikollu moħħu mistrieħ li d-depożiti li jkunu nħarġu jkunu garantiti għax ikunu ngħataw lin-nies li huma ikkuntrattati biex jaħdmu, ix-xogħol jibqa' għaddej u ovvjament il-flus jitnaqqsu mill-aħħar kont finali.

Is-Sur Cini għalaq billi qal li jekk hemm xi mistoqsijiet li jridu jsaqsu hu lest li jwieġeb.

Is-Sur Cordina qal li l-istorja jafha għax kif qal tajjeb is-Sur Cini iltaqgħu is-Sibt u tkellmu. Qal ukoll li tali deċiżjoni ma jistax jerfgħaha waħdu għax toħroġ mill-parametri tiegħu u rringrazzjah talli għoġbu jitkellem sinċier kif inhuma l-affarijiet.

Il-Perit Falzon beda billi qal li dan il-proġett ilu jiġi diskuss għal żmien twil u xejn għadu ma nbidel. Tenna wkoll li fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill m'għandux iħallas mingħajr ma tiġi provduta l-*bank guarantee*. Li l-kumpanija tiġi u titlob għal depożiti li mhumiex imdaħħlin fit-tender, fejn dan it-tender ma jirrikjedix depożiti u lanqas *payments on account,* u mbagħad tiġi njorata *l-bank guarantee* mhux aċċettabbli.

L-Avukat Caruana staqsiet jekk il-*bank guarantee* joħodhiex lura.

Is-Sur Cordina spjega li fuq il-*bank guarantee* m'hemmx *issues* għax il-kumpanija lesta li terga' tagħmilha. Ovvjament l-*issues* li hemm huma fuq dawk li digà tkellmu dwarhom.

L-Avukat Caruana staqsiet kemm hu l-ammont tal-*bank guarantee* bis-Sur Cordina jwieġeb li hi ta' €6000. L-Avukat Caruana staqsiet dwar il-pagamenti li qed jintalbu li jsiru. Is-Sur Cordina wieġeb li l-pagamenti huma tal-lift, bennej u AC's.

Is-Sur Cini qal li l-*bank guarantee* l-kumpanija kienet għamlitha. Din skadiet fil-bidu ta' din is-sena u peress li baqgħu għaddejjin bix-xogħlijiet u ħadd ma semmiha, din l-*issue* ħarget meta is-Segretarju Eżekuttiv li ovvjament kienet qed tagħmel xogħolha u ġibditilhom l-attenzjoni li din skadiet. Is-Sur Cini qal li l-kumpnaija ma ndunatx li din

kienet skaduta. Jekk dawn il-flus iridu jinżammu ovvjament li jinżammu għax huwa fl-interess tal-Kunsill. Qal li daħħlu xi kontijiet li bħalissa qegħdin jiġu vvetjati mill-Perit Falzon u għalhekk il-Kunsill mhuwiex skopert għax sar xogħol li għad iridu jitħallsu tiegħu kemm min-naħa tal-bennej, kif ukoll affarjiet oħra.

Il-Perit Falzon irribatta u qal lis-Sur Cini li għadhom ma ppreżentawx dan il-kont li qed jitkellem fuqu bis-Sur Cini jgħid li dan il-kont intbgħat. Il-Perit Falzon talbu jagħmel riferenza għall-aħħar kont li jammonta għal €137,000 li huwa l-aħħar kont li ntbagħat. Il-Perit Falzon spjega f'hiex kien jikkonsisti dan il-kont. Qal li l-Kunsill s'issa ħallas madwar €79,000 teskludi l-vat fuq kont li ċċertifika hu. Il-kont li ntbagħat huwa ta' €137,000 teskludi l-vat. Meta l-kont ġie ċċekjat sab li hemm madwar €40,000 li huma depożiti, li huma €12,000 għall-lift, €6000 għall-AC's u madwar €20,000 *payment on account* tal-bennej. Mis-somma ta' €137,000 iridu jiġu mnaqqsa dawn l-ammonti bil-kont jinżel għal madwar €90,000, tnaqqas 10% li jiġu €9000, jibqa' €81,000 u l-penali m'humiex miżjuda. Il-Kunsill ħallas digà madwar €79,000 minn dak il-kont.

Il-Perit Falzon ġab eżempju ta' kif hemm imniżżel €4000 ta' xogħol li suppost sar u għadu ma sarx. Is-Sur Cini qallu li hu mhux se jidħol fil-mertu ta' x'hemm xogħol li hu ċċertifika imma qal li jekk kemm-il darba kien hemm dan id-diżgwit min-naħa tal-Perit dan qatt ma kkomunika mal-kumpanija b'tali diżgwiti. Is-Sur Cini qal li l-kumpanija mhix taqbel mal-kontijiet li ċċertifika il-Perit Falzon.

Is-Sur Cini kompla jgħid li jekk il-Perit ried jikkjarifika xi affarjiet mal-kumapnija dan missu għamlu żmien ilu u dan għaliex ilu ma jsir kuntatt mas-Sur Vella fuq xahrejn, bil-Perit Falzon jirribatti li dan mhux minnu għax tkellem mas-Sur Chris Vella f 'Ġunju.

L-Avukat Brincat staqsa meta kienet l-aħħar komunikazzjoni mas-Sur Vella bil-Perit Falzon iwieġeb fit-13 ta' Ġunju. Kompla jispjega li għenu jaħdem l-istima tal-bennej li ġiet madwar €25000. Fil-kont li ntbagħat hemm inkluż din l-istima li nħadmet, id-depożiti u xogħlijiet oħra li għadhom ma sarux. Il-kont qed juri li hemm €40000 xogħol li sar meta fil-verità ma sarx. Dawn huma l-fatti kompla jgħid il-Perit Falżon.

Is-Sur Cini qal li din hija prova ċara u l-Perit qed jammetti li ilu fuq xahrejn ma jkellem lill-kumpanija u x-xogħlijiet għalhekk waqfu, bl-Avukat Brincat jirribatti li mhux qed jgħid il-verita' għax il-Perit kien għadu kemm qal li kellem lis-Sur Vella l-aħħar fit-13 ta' Ġunju mhux fuq xahrejn. Is-Sur Cini qal li l-punt hu li ssemmew ħafna numri u li fil-fatt kien hemm ċans biżżejjed li tintbagħat imejl u jiġu ikkontestati, isir rendikont u jiġi preżentat waqt din il-laqgħa però minflok, qed isiru somom fl-arja bil-Perit jirribatti li mhumiex somom fl-arja u reġa' semmielu l-figuri. Is-Sur Cini qal li ħabba li l-kumpanija qed issib reżistenza kull darba li jinħareġ kont mhuwiex iħossu komdu jkompli. Qal li nħareġ kont , il-Perit ma ċċertifikahx bil-Perit jerġa' jirribatti li għandu żball għax il-kont iċċertifikah u bagħtulu.

Is-Sur Cini kompla jgħid li ltaqgħu għal din il-laqgħa mhux biex jitkellmu fuq il-passat, imma kif jidher iktar hemm interess biex jittieħed ir-raġun milli biex il-proġett jitlesta

u huwa evidenti għalxiex il-proġett huwa mwaħħal. Jekk iridu li l-proġett jitlesta iridu jkunu prattiċi u jridu jittieħdu ċertu passi bil-kontrolli neċessarji.

Is-Sur Cordina saqsa lis-Sur Cini x'inhu is-suġġeriment tiegħu sabiex ikunu jistgħu jkomplu jiddiskutu u titkompla l-laqgħa.

Is-Sur Cini reġa' semma l-figuri tad-depożiti li jridu jsiru li huma bżonnjużi biex il-proġett jimxi. Meta jinqalgħu dawk mill-kont u jekk is-Sur Vella għandu jitħallas xi flus dawn għandhom jitħallsu. Il-Perit Falzon reġa' saqsa kemm huma dawn l-ammonti u irribatta mas-Sur Cini jekk dawn humiex imdaħħlin mal-kont. Is-Sur Cini qallu li dawn imdaħħla kif qallhom hu stess bil-Perit jirribatti lura u jgħid li dan mhux minnu. Kompla jgħid li sakemm ma kienx hemm problema bil-*bank guarantee* kien hu stess li bagħat imejl uffiċċjali lill-Kunsill fuq kif jaħsibha hu personali li għalkemm mhumiex imdaħħlin fit-tender id-depożiti għandhom jitħallsu biex jitkompla l-proġett. Però ġaladarba naqqsu milli jipprovdu il-*bank guarantee* l-Perit hu ta' opinjoni differenti. Is-Sur Cini saqsa x'għandu x'jaqsam il-Perit mal-*bank guarantee* bis-Segretarju twieġbu li għandha x'taqsam hi u li l-Perit jiċċertifika u jiffirma l-kontijiet. Is-Segretarju reġgħat qalet li mingħajr din il-*bank guarantee,* skont il-kuntratt , ix-xogħol ma jistax ikompli. Hi qaltlu li diġà spjegatilhom bil-miktub x'għandu jsir.

Is-Sur Cordina reġa' tenna sabiex jikkonkludu u reġa' saqsa lis-Sur Cini li bħalha *bank guarantee* mhux problema li ssir basta jsiru d-depożiti mitluba bis-Sur Cini jaqbel ma dak li ntqal. Is-Sur Cordina sellem lis-Sur Cini sabiex ikomplu jiddiskutu bejniethom.

Is-Sur Cordina qabbad lis-Segretarju sabiex jiġi ikkuntattjat l-Avukat Bondin.

L-Avukat Caruana qalet li għaliha l-garanzija hija importanti u għandha tintalab lil kumpanija għax ma jkun hemm xejn fuqhiex torbot.

L-Avukat Brincat qabel ma li qalet l-Avukat Caruana għax il-kuntrattur mhux fl-interess li jlesti imma huwa obbligu tiegħu li jlesti l-proġett.

L-Avukat Caruana qalet x'garanzija hemm jekk dan jingħata l-50% ta li qed jitlob u l-lift ma jitlesthiex. L-Avukat Brincat qal fuq kollox mhux dak biss hemm imma hemm xogħolijiet oħra wkoll.

Is-Segretarju qalet li jekk dan għamel kuntratt u li tiegħu hemm kopja u qed jaħseb li ħa jitħallas qabel ma x-xogħol jitlesta kollu sejjer żball. Il-Perit Falzon tenna li rigward pagamenti l-Kunsill tajjeb qiegħed kull ma hemm differenza huma €2000.

Is-Segretarju kompliet tgħid li qabel ma jinħareġ 50% tal-lift ser tintalab irċevuta ta dawk il-50% bil-Perit Falzon jirribatti li xorta m'hemmx garanzija li dan il-lift ser jitwaħħal. Hu kompa jgħid li l-kuntrattur qed isibha diffiċli biex jagħmel garanzija ta' €6000 aħseb u ara kemm ħa jlesti x-xogħol.

L-Avukat Caruana qalet li rridu nkunu ċerti li flus sejrin għand min huma destinati, ikollhom jieħdu over mhux fejn irid iżomm mal-kuntratt u fejn irid le.

Is-Sur Cordina fakkar li s-Sur Cini hekk qal però hu personali xorta jaħseb li m'għandhomx jingħataw d-depożiti u ma jafx jekk din il-ħaġa tistax issir.

L-Avukat Brincat qal li apparti minn hekk dan ħa jingħata l-flus u jista' jkun li l-lift ma jasal qatt. Il-flus joħodhom meta l-Perit jiċċertifika li x-xogħol huwa lest mhux għax għandu problema hu. L-Avukat Brincat qal li jekk dan għandu l-problemi mal-Kunsill ta' Ħ'Attard qed jaħsbu li ma proġetti oħrajn m'għandux? Hu kompla jgħid li dan huwa bniedem li kkontesta t-tender fuq teknikalitajiet meta ħadu kuntrattur ieħor u rebaħ l-appell. Issa li qiegħed bil-problemi jrid li jbatihom l-Kunsill u li dan mhux sew.

Is-Sur Mangion qal l jaqbel ma li qal l-Avukat Brincat għal fatt li bniedem tinduna x'inhu minn kif jitkellem u li kkontradixxa ċertu affarjiet. Hu saqsa jekk jagħmel il-*bank guarantee* dawn il-flus jistawx jitħallsu direttament lis-*suppliers* bis-Sur Cordina jwieġeb li ma jistax issir.

L-Avukat Brincat kompla billi qal li dan għandu obbligu li jispiċċa l-proġett , u mhux talli mhux qed iżommulu tal-penali. talli qed jitlob iktar flus.

Is-Sur Bonnici qabel ma dak kollu li qal l-Avukat Brincat.

Is-Sur Cordina qal li daħal l-Avukat Bondin fuq il-linja u talbu parir fuq dak li talab is-Sur Cini.

L-Avukat Bondin beda billi qal li dar il-kuntratt li hemm ma' din il-kumpanija u fuq bażi ta' terminu tal-kuntratt hemm iktar minn waħda valida. Fuq dak li talab is-Sur Cini, li jitħallas minn qabel tax-xogħol li għad irid isir, dan ma jistax iseħħ, sakemm ma tinġiebx xi tip ta' eżenzjoni min-naħa tad-Dipartiment tal-Kuntratti, li l-ħlas isir dirett lis-suppliers.

Is-Sur Cordina qal li l-kuntratt ma jippermettix li mmorru dirett għand is-suppliers. Trid tinstab soluzzjoni u jaraw l-opzjonijiet li hemm jekk jitterminawx il-kuntratt jew jiddiskutu mal-kuntratturu u jiġi mġiegħel jagħmel il-*bank guarantee*, jitlesta ix-xogħol, jiċċertifikah il-Perit u jitħallas.

L-Avukat Bondin kompla jgħid li jekk ma jasalx allura jiġi tterminat il-kuntratt formalment. Hemm ħafna *issues* fuq x'hiex jista' jiġi tterminat bl-iktar waħda ovvja hija d-dewmin. Huwa kkalkulat li bħalha penali hemm madwar €25000 li bdew jgħoddu min-Novembru 2022. Hu qal li wara jrid jitqabbad kuntrattur ġdid.

Is-Sur Cordina saqsa jekk hux possibli li jitqabbad kuntrattur ġdid.

L-Avukat Bondin spjega li hemm klawsola fil-kuntratt u qed jistenna risposta fuqha mid-Dipartiment tal-Kuntratti fejn jissemma li f'każ ta ' diżgwit jista' jsir negozjar

amikoveli mal-kuntrattur u li fl-opinjoni tiegħu bħalha Kunsill diġà qed jipprova jasal mal-kuntrattur amikevolment. Jekk ma jaslux wieħed jista' jaqbad u jittermina l-kuntratt.

Kompla jgħid li wara jista' jitqabbad kuntrattur ġdid u fl-istess ħin tinfetaħ kawża għad-danni li qed ibati l-Kunsill kif ukoll għall-penali li jistgħu jintalbu sa 15% tal-kuntratt. Kieku hemm lok li jistgħu jitranġaw l-affarjiet ikun hu li jissuġerixxi biex jirranġaw però jidher biċ-ċar li dil-kumpanija għandha problemi kbar ta' *cash flow* evidenti.

Il-Perit Falzon qal li hu jaħseb li jekk jintlaħaq kompromess mal-kuntrattur il-kuntratt jaqa'. Wara jinħarġu tenders separati għax-xogħlijiet li jkun baqa'. Huwa spjega li bħalha xogħol ma baqax ħafna xi jsir.

L-Avukat Bondin qabel ma dak kollu li qal il-Perit li jintlaħaq kompormess mal-kuntrattur.

Is-Sur Cordina saqsa x'inhuma l-konsegwenzi jekk dan jiddaħħal il-qorti f'każ li jsir mandat ta' inbizzjoni. L-Avukat qal li għamel ftit riċerka u rriżulta li dal-kuntrattur diġà għamel mandat, hemm kollox onlajn, kellu każ u tilfu. Is-Sur Cordina qal li hu fl-obbligu li jpinġi x-xena kollha.

L-Avukat Caruana ikkonfermat li jista' jsir mandat ta' inbizzjoni biex ma jitkomplix ix-xogħol.

Il-Perit Falzon reġa' ta spjegazzjoni qasira ta' xogħlijiet li baqa' xi jsiru u li jekk jintlaħaq kompromess mal-kuntrattur hu lest li jiċċertifikalu x-xogħol li jkun għamel sa dak iż-żmien.

L-Avukat Bondin qal li jaqbel kompletament mal-Perit u għandha tintbgħat ittra formali lill-kuntrattur fejn jiġi spegjat li ma jistawx isiru ħlasijiet minn qabel għax il-Kunsill marbut bil-kuntratt fost affarjiet oħra.

Il-Perit Falzon qal li lest ipoġġi mal-kuntrattur u jerġgħu jiċċekjaw il-kontijiet sabiex jaraw flimkien x'sar u ma sarx.

Is-Segretarju irrikapitolat l-ittra u din għandha tintbgħat lill-Perit u l-Avukat qabel tintbgħat lill-kuntrattur.

Kulħadd qabel.

Is-Sur Cordina irringrazzja lill-Perit Falzon kif ukoll lill-Avukat Bondin tal-ħin tagħhom.

62.3.2 **Permessi : PA/05552/21 u PA/07353/22**

Is-Sur Cordina qal li dieħel il-Perit Markham sabiex jispjega żewġ permessi li jridu jivvotaw fuqhom.

Il-Perit daħal issa fis-6.15pm

Is-Sur Cordina ippreżenta lill-kunsilliera il-Perit Markham u rringrazzjah tar-rapporti li għamel rigward is-siti go Ta' Qali.

Il-Perit beda billi spjega għalfejn qed jintalab il-permess PA/05552/21 fuq sit fi Triq Durumblat. Huwa wera pjanti tas-sit u x'qed jiġi propost li jsir. Hu qal li dan il-permess imur kontra l-Action Plan ta' Ta' Qali u qiegħed rakkomandat għar-refusal.

L-Avukat Brincat qal li dan qed jissemma bħalha *garden centre* però fil-pjanti skond il-qisien li hemm iktar għandu użu għall-affarjiet oħra milli għal-*garden center* bil-Perit jaqbel ma li qal. L-Avukat Brincat qal li dan jista' jkun proġett li faċilment jista' jinbidel minn *garden center* għal xi ħaġ'oħra. Qal li forsi għalhekk qed jissemma *garden center* biex it-titlu jappella iktar għall-approvazzjoni biex imbgħad wara jinbidel. Hu qal li l-art hija agrikola u tista' tinħadem apparti l-impatt li ħa jkun ta' influss tat-traffiku.

Il-Perit qal li fil-fatt Transport Malta qalet li minħabba l-influss tal-karozzi iridu jiġu *upgraded* il-junctions li jagħtu għal din it-triq.

L-Avukat Caruana saqsiet jekk dan is-sit hux l-istess wieħed fejn kien hemm applikazzjoni oħra qabel tal-Flower Power bil-Perit iwieġeb li din hija applikazzjoni oħra u sit differenti.

Is-Sur Cordina talab biex jittieħed vot favur jew kontra l-proġett.

Kulħadd oġġezzjona.

Il-Perit intalab biex jispjega l-permess PA/07353/22 li huwa sit ieħor f'Ta' Qali fi Triq il-Vjal Nazzjonali. Spjega x'se jsir fuq dan is-sit bħalha *obstacle track* u li ser ikun hemm binja permanenti fiha.

L-Avukat Brincat qal li diġà teżisti OCR track oħra viċin eżatt tal-ewwel sit li ġie diskuss.

Il-Perit kompla jgħid li dan hu l-istess bħal ta' qabel u qiegħed irrakomandat għar-*refusal* għax ma jaqax taħt l-Action Plan ta' Ta' Qali għax dan jibda mill-Crafts Village il-ġewwa u dan is-sit qiegħed f'ODZ.

L-Avukat Brincat qal li dik hija raba li tinħadem u li seta jinstab sit ieħor. Il-Perit qal li hemm ħafna oġġezzjonijiet rigward hekk u li jekk tinbena l-binja jista' jinbidel l-użu tagħha.

L-Avukat Caruana qalet jista' jagħti l-każ li l-Perit tagħhom iġib l-iskuża li diġà hemm in-Numero Uno fil-viċin.

Is-Sur Cordina talab li jittieħed vot fuq din ukoll.

Kulħadd oġġezzjona.

Is-Sur Cordina irringrazzja lill-Perit Markham talli kien preżenti għal-laqgħa u awtorizzah li joġġezzjona fuq iż-żewġ permessi f'isem il-Kunsill.

Is-Sur Cordina irringrazzja lil kulħadd tal-kontribut u tad-diskussjoni biex fl-aħħar waslu għad-deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu.

62.3.3 **Approvazzjoni ingaġġ ta' żewġ skrivani fuq bażi part-time;**

Is-Sur Cordina qal li se tinħareġ sejħa ta' ingaġġ għal żewġ skrivani fuq bażi *part time* għall-Info Centre il-ġdid fi Ġnien l-Istazzjon. Dawn se jibdew jaħdmu mill-10.00am sas-6.00pm ġurnata iva u ġurnata le mit-Tnejn sal-Ħadd.

Is-Sur Bonnici saqsa x'jirrikjedi mill-ħaddiema. Is-Segretarju wieġbet skont l-eżiġenzi tal-Binja marbuta mal-EU Funds.

Is-Sur Mangion saqsa rigward il-paga tal-ħaddiema, bis-Segretarju twieġeb li jitħallsu mil-Kunsill għax il-proġett huwa tal-Kunsill.

62.3.4 **Tender Knies**

Is-Sur Cordina qal li dan it-tender għaddiet sena minn fuqu u li jista' jerġa' jiġġedded.

## 62.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

62.4.1 Is-Sur Remigio Bartolo

- Xtaq jgħamel punt rigward l-uffiċini l-ġodda li għalkemm jaqbel ma dak li ntqal jixtieq li tinżamm f'moħħ kulħadd li jekk sa Diċembru dan ma jitlesthiex jista' jagħti l-każ li nispiċċaw barra minn fejn qegħdin, jekk sid il-post ibiegħ jew ma jġeddidx il-kera.

Is-Sur Cordina qal li għalhekk qajjem id-diskussjoni biex id-deċisjonijiet jittieħdu flimkien.

L-Avukat Silvio Brincat

- Xtaq jiċċara punt fuq li ntqal. Il-Perit Falzon qal li x-xogħlijiet m'għandhomx jieħdu fit-tul. Jekk jaslu fi ftehim bonarju mal-kuntrattur, dan għandu jsir fi żmien qasir sabiex jittlesta l-proġett kemm jista' jkun malajr.

Is-Sur Cordina qal li hu qed jispera li naslu bil-kelma t-tajba. Imma ovvjament hemm ix-xenarju l-ieħor ukoll fejn jista' l-kuntrattur jimpika ġaladarba jkun ħa jitlef.

L-Avukat Brincat kompla jgħid li jekk jimpika mbgħad hemm il-qorti u tiddeċiedi l-qorti min iħallas għad-danni.

Is-Sur Cordina qal li dak li qed jgħid l-Avukat huwa kollu minnu però jibqa' l-fatt li data ta' meta tinqata' il-qorti ma tkunx taf bl-Avukat Caruana iżżid li jista' jagħmel ukoll mandat ta' inbizzjoni u jwaqqaf ix-xogħol.

Is-Sur Bonnici qal li jekk fl-eventwalità li ma jitlestiex ix-xogħol il-Kunsill jispiċċa barra, l-aħjar jibdew jaħsbu fuq alternattivi oħrajn.

- L-Avukat Brincat ġibed l-attenzjoni fuq ix-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq il-Linja għax qed jieħdu fit-tul u li ħaddiema mhux qed ikunu fuq ix-xogħol.

Is-Sur Cordina wieġeb li l-Kunsill ilu jibgħat rigward dawn ix-xogħolijiet u l-informazzjoni li għandu hi li kienu qed isiru xi *pressure testing* tal-ilma. Jekk kollox imur kif pjanat ix-xogħol għandu jitkompla fil-5 ta' Awwissu.

## 62.5 Rapporti:

62.5.1 Ma kienx hemm rapporti

## 62.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

62.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni skema SPI/SCI/4/2023 Skema Finanzjarja - Komunitajiet aktar siguri u organizzati. Hi rrakkomandat li ssir applikazzjoni sabiex jingħataw fondi biex isiru CCTV kameras fi Ġnien l-Istazzjon u Ġnien il-Palma.

Kulħadd qabel.

Is-Sur Bartolo xtaq isaqsi rigward it-*telephone box* li kienu tkellmu fuqha biex din tiġi trasferita lejn Ġnien l-Istazzjon. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li tal-Pjazza ġiet restawrata u se jsirilha id-dawl u ma xtaqietx li tiġi trasferita għax issa sebbħet Pjazza.

Is-Sur Bonnici issuġġerixxa sabiex isir xi ħaġa bejn it-tlett lokalijtajiet Ħ'Attard, Ħal Lija u Ħal Balzan għall-Anzjani bis-Sur Cordina jgħidlu li jistgħu jorganizzaw attivitajiet sportivi.

## 62.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

62.7.1 Is-Segretarju qalet li kull ma żiedet huma żewġ pagamenti fl-aħħar nett li huma tal-*printing* tal-bandiera li saret ġdida għal Pjazza għal żmien il-festa u AKL għal pagament tal-Group Health Policy.

L-Avukat Caruana saqsiet rigward il-pagament tas-Sa Gabby Mallia bis-Segretarju tgħidilha li hi l-persuna li qed tieħu ħsieb il-progett tal-Info Centre.

L-iskeda ġiet approvata bi proponent is-Sur Remigio Bartolo u sekondant is-Sa. Connie Scerri

## 62.8 Mozzjonijiet; u

62.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 62.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

62.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.40pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Awwissu 2023 fis-5.30pm

Konfermati, illum 30 ta' Awwissu 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |